

Brussell, 13 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

10274/25
ADD 8

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0163 (NLE)

AELE 52
CH 18
MI 395
ESPACE 47

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Ġunju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 308 annex
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' pakkett wiesa' ta' ftehimiet għall-konsolidazzjoni, l-approfondiment u l-espansjoni tar-relazzjonijiet bilaterali mal-Konfederazzjoni Żvizzera, u dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal- Konfederazzjoni Żvizzera fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall- Programm Spazjali

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 308 - Annex 8.

Encl.: COM(2025) 308 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.6.2025
COM(2025) 308 final

ANNEX 8

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' pakkett wiesa' ta' ftehimiet għall-konsolidazzjoni, l-approfondiment u l-espansjoni tar-relazzjonijiet bilaterali mal-Konfederazzjoni Żvizzera, u dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-partekipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali

FTEHIM
BEJN L-UNJONI EWROPEA
U L-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA,
DWAR KONTRIBUZZJONI FINANZJARJA REGOLARI TAL-ISVIZZERA
LEJN IT-TNAQQIS TAD-DISPARITAJET EKONOMIĊI U SOĊJALI
FL-UNJONI EWROPEA

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni",

u

L-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Iżvizzera",

minn hawn 'il quddiem imsejħin il-"Partijiet Kontraenti";

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW ir-rabtiet mill-qrib bejn il-Partijiet Kontraenti;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW il-pakkett bilaterali wiesa' bejn il-Partijiet Kontraenti li għandu l-għan li jistabbilizza u jiżviluppa r-relazzjonijiet bilaterali tagħhom, inkluża l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fis-suq intern;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW f'dak il-kuntest l-importanza ta' azzjonijiet li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fl-Unjoni, li jenħtiegħ li jkunu mmirati biex jinkoraġġixxu t-tisħiħ kontinwu u bbilanċjat tar-relazzjonijiet ekonomiċi u soċjali bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha u l-Iżvizzera, filwaqt li jwieġbu għal sfidi komuni importanti;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li l-kooperazzjoni bejn l-Iżvizzera u l-Istati sħab fil-kuntest tal-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera hija bbażata fuq, u ggwidata minn, valuri komuni, prinċipji ta' governanza tajba u impenn komuni għal tolleranza żero lejn il-korruzzjoni;

QABLU KIF ĠEJ:

PARTI I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

ARTIKOLU 1

Objettivi

Fil-kuntest tal-pakkett bilaterali wiesa' ta' ftehimiet, il-Partijiet Kontraenti jikkondividu l-objettivi ġenerali li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fl-Unjoni.

Għaldaqstant, il-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera għandha tkun immirata biex tinkoraġġixxi t-tisħiħ kontinwu u bbilanċjat tar-relazzjonijiet ekonomiċi u soċjali bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha u l-Iżvizzera, filwaqt li twieġeb għal sfidi komuni importanti.

ARTIKOLU 2

Suġġett

1. Dan il-Ftehim jistabbilixxi l-bażi għall-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera lejn l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1.
2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera għandha tikkomplementa l-miżuri tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fil-qasam tal-koeżjoni u r-rispons tagħhom għal sfidi komuni importanti.

ARTIKOLU 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) “Lista ta’ Ftehimiet” tfisser il-ftehimiet li ġejjin:

- (i) Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni, magħmul fil-Lussemburgu fil-21 ta’ Ġunju 1999;
- (ii) Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport bl-ajru, magħmul fil-Lussemburgu fil-21 ta’ Ġunju 1999;
- (iii) Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport ta’ merkanzija u passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq, magħmul fil-Lussemburgu fil-21 ta’ Ġunju 1999;
- (iv) Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli, magħmul fil-Lussemburgu fil-21 ta’ Ġunju 1999;
- (v) Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-rikonoxximent reċiproku b’rabta mal-valutazzjoni tal-konformità, magħmul fil-Lussemburgu fil-21 ta’ Ġunju 1999;

- (vi) Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-Programmi tal-Unjoni, magħmul fi [...] nhar [...];
 - (vii) Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali, magħmul fi [...] nhar [...];
 - (viii) Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-Elettriku, magħmul fi [...] nhar [...];
 - (ix) Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-Saħħa, magħmul fi [...] nhar [...]; u
 - (x) Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli li jistabbilixxi Żona Komuni ta' Sikurezza Alimentari, magħmul fi [...] nhar [...];
- (b) “perjodu ta’ kontribuzzjoni” tfisser il-perjodu ta’ żmien li għalih tiġi attribwita kontribuzzjoni finanzjarja partikolari mill-Iżvizzera;
 - (c) “perjodu ta’ implimentazzjoni” tfisser il-perjodu ta’ żmien li matulu trid tiġi implimentata kontribuzzjoni finanzjarja partikolari mill-Iżvizzera u jiġu żborżati l-fondi; kull perjodu ta’ implimentazzjoni għandu jidmum mill-inqas 10 snin;
 - (d) “Stat Sieħeb” tfisser Stat Membru tal-Unjoni li qed jibbenefika mill-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera f’perjodu ta’ kontribuzzjoni partikolari;

- (e) “Stati Sħab fil-qasam tal-koeżjoni” tfisser l-Istati Membri tal-Unjoni b’introjtu nazzjonali gross (minn hawn ’il quddiem imsejjaħ “ING”) *per capita*, imkejjel fi standards tal-kapaċità tal-akkwist, ta’ inqas minn 90 % tal-medja tal-ING *per capita* tal-Unjoni fi standards tal-kapaċità tal-akkwist għall-istess perjodu ta’ referenza. Il-perjodu ta’ referenza għad-data li għandha tintuża għandu jkun l-istess bħal dak użat biex tiġi ddeterminata l-eliġibbiltà tal-Istati Membri tal-Unjoni taħt il-Fond ta’ Koeżjoni tal-Unjoni fis-seħħ fid-data tal-bidu tal-perjodu ta’ kontribuzzjoni rilevanti;
- (f) “miżura ta’ appoġġ” tfisser programm jew proġett imwettaq bl-appoġġ ta’ kontribuzzjoni finanzjarja partikolari mill-Iżvizzera.

ARTIKOLU 4

Qafas li jirregola l-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera għandha tkun strutturata fuq il-bażi ta’ perjodi ta’ kontribuzzjoni konsekuttivi.

Kull perjodu ta’ kontribuzzjoni għandu jibda sentejn wara l-bidu tal-perjodu kopert mill-qafas finanzjarju pluriennali tal-Unjoni (minn hawn ’il quddiem imsejjaħ “QFP”). Dan għandu jibqa’ għaddej għal perjodu ugwali għan-numru ta’ snin koperti mill-QFP li miegħu huwa relatat.

2. Għal kull perjodu ta’ kontribuzzjoni, għandu japplika dan li ġej:
 - (a) l-Iżvizzera timpenja ruħha li tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata abbażi tal-Anness I.

- (b) Sabiex jissodisfaw l-impenn meħud skont il-punt (a), il-Partijiet Kontraenti għandhom jikkonkludu memorandum ta' qbil (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "MtQ") legalment mhux vinkolanti mhux aktar tard minn 12-il xahar qabel it-tmiem tal-perjodu ta' kontribuzzjoni li jkun għaddej.

Għal dan il-għan, il-Kumitat Konġunt għandu jibda diskussjonijiet mhux aktar tard minn 36 xahar qabel it-tmiem ta' dak il-perjodu ta' kontribuzzjoni.

Kull MtQ għandu jispeċifika l-elementi li ġejjin:

- (i) l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja partikolari mill-Iżvizzera ddeterminat abbażi tal-Anness 1, il-paragrafu 1;
- (ii) allokazjonijiet ta' fondi speċifiċi għall-pajjiż fil-qasam tal-koeżjoni skont l-Appendiċi 2 tal-Anness I;
- (iii) l-oqsma tematiċi għall-kontribuzzjoni finanzjarja partikolari mill-Iżvizzera fil-qasam tal-koeżjoni;
- (iv) meta sehem minn kontribuzzjoni finanzjarja partikolari mill-Iżvizzera huwa previst li jwieġeb għal sfidi komuni importanti oħrajn; l-isfidi komuni importanti identifikati; l-oqsma tematiċi rispettivi tagħhom; il-kriterji għall-għażla tal-Istati Sħab milquta mill-isfidi komuni identifikati; u d-diżaggregazzjoni bejn il-fondi allokatu għall-qasam ta' koeżjoni u l-fondi allokatu għall-isfidi komuni identifikati, skont il-paragrafu 2 tal-Anness I;

- (v) deskrizzjoni ġenerali tal-kontenut maħsub tal-ftehimiet speċifiċi għall-pajjiż bejn l-Iżvizzera u l-Istati Šhab (minn hawn 'il quddiem imsejħin “ftehimiet speċifiċi għall-pajjiż”);
 - (vi) it-tul tal-perjodu ta' implimentazzjoni skont il-punt (c) tal-Artikolu 3.
- (c) Jekk il-MtQ ma jġix konkluż fil-perjodu ta' żmien imsemmi fl-ewwel sentenza tal-punt (b), għandu japplika l-Artikolu 16. Fil-każ li t-tilwima tiġi sottomessa lit-tribunal tal-arbitraġġ f'konformità mal-Artikolu 16(2), it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jivverifika jekk il-Partijiet Kontraenti aġixxewx *in bona fide* matul id-diskussjonijiet imsemmijin fil-punt (b) sabiex jissodisfaw l-impenn skont il-punt (a).

ARTIKOLU 5

Ftehimiet speċifiċi għall-pajjiż u miżuri ta' appoġġ ulterjuri

1. F'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 4(2) u mal-Parti II, u f'konformità mal-elementi stabbiliti fil-MtQ, l-Iżvizzera għandha tikkonkludi ftehimiet speċifiċi għall-pajjiż mal-Istati Šhab u, jekk applikabbli, tħejji miżuri ta' appoġġ ulterjuri taħt il-ġestjoni tagħha jew fil-forma ta' kontribuzzjonijiet għall-istrumenti ta' finanzjament rilevanti.
2. Il-ftehimiet speċifiċi għall-pajjiż għandhom iqisu l-politiki tal-Unjoni u l-oqfsa strateġiċi nazzjonali għall-investimenti fil-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni approvati mill-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-“Kummissjoni”).

3. Il-ftehimiet speċifiċi għall-pajjiż għandhom jistabbilixxu, b'mod partikolari: id-distribuzzjoni tal-fondi fost l-oqsma tematiċi; il-miżuri ta' appoġġ; l-istrutturi għall-ġestjoni u l-kontroll; il-kundizzjonijiet applikabbli; u l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Sieħeb ikkonċernat. Dawn għandhom jinkludu wkoll regoli speċifiċi dwar il-proċedura u l-miżuri msemmin fl-Artikolu 13(5).

4. Għal kull perjodu ta' kontribuzzjoni, l-allokazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fil-qasam tal-koeżjoni għandhom jiġu impenjati formalment lill-Istati Sħab mal-konklużjoni tal-ftehimiet rispettivi speċifiċi għall-pajjiż, mhux aktar tard minn sentejn wara l-bidu tal-perjodu ta' kontribuzzjoni li huma relatati miegħu.

5. Meta sehem minn kontribuzzjoni finanzjarja partikolari mill-Iżvizzera jkun previst li jirrispondi għal sfidi komuni importanti oħrajn, l-allokazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fil-qasam tal-isfidi komuni identifikati għandhom jiġu impenjati formalment lill-Istati Sħab mal-konklużjoni tal-ftehimiet rispettivi speċifiċi għall-pajjiż, mhux aktar tard minn 5 snin wara l-bidu tal-perjodu ta' kontribuzzjoni li huma relatati miegħu.

6. Jekk il-ftehimiet speċifiċi għall-pajjiż imsemmijin fil-paragrafi 4 u 5 ma jiġux konklużi fil-perjodi ta' żmien imsemmijin fihom, għandu japplika l-Artikolu 16.

Fil-każ li t-tilwima tiġi sottomessa lit-tribunal tal-arbitraġġ f'konformità mal-Artikolu 16(2), it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jivverifika jekk l-Iżvizzera u l-Istat Sieħeb rispettiv aġixxewx *in bona fide* matul in-negozjar tal-ftehim speċifiku għall-pajjiż.

7. Il-fondi ta' kontribuzzjoni finanzjarja partikolari mill-Iżvizzera jistgħu jintużaw biss sa tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni rispettiv.

ARTIKOLU 6

Komunikazzjoni bejn l-Iżvizzera u l-Kummissjoni

1. L-Iżvizzera għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar il-ftehimiet speċifiċi għall-pajjiż imsemmijin fl-Artikolu 5(1) fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Kompendju Uffiċjali tal-Liġi Federali Żvizzera.
2. L-Iżvizzera u l-Kummissjoni għandhom jikkomunikaw ma' xulxin fil-livell tekniku fuq bażi annwali, jew kull meta tinqala' l-ħtieġa, fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera.

ARTIKOLU 7

Rati ta' kofinanzjament

Fir-rigward tal-miżuri ta' appoġġ li għalihom l-Istati Sħab għandhom responsabbiltà għall-implimentazzjoni, ir-rati ta' kofinanzjament tal-Iżvizzera għall-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tagħha għandhom ikunu l-istess bħar-rati ta' kofinanzjament tal-Unjoni skont l-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni u strumenti rilevanti oħrajn, sakemm l-Iżvizzera u l-Istat Sieħeb ikkonċernat ma jiftehmux mod ieħor.

ARTIKOLU 8

Għajnuna mill-Istat u akkwist pubbliku

L-implimentazzjoni ta' miżuri ta' appoġġ għandha tikkonforma mar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat u l-akkwist pubbliku.

ARTIKOLU 9

Responsabbiltà

Ir-responsabbiltà tal-Iżvizzera hija limitata għall-ġhoti ta' fondi skont il-ftehimiet speċifiċi għall-pajjiż u miżuri ta' appoġġ ulterjuri. Għaldaqstant, l-Iżvizzera ma tassumi l-ebda responsabbiltà lejn partijiet terzi.

ARTIKOLU 10

Bidliet fis-sħubija tal-Unjoni

1. Fil-każ ta' bidla fis-sħubija tal-Unjoni li tinvolvi Stat li l-ING *per capita* tiegħu, imkejjel skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist, ikun inqas minn 90 % tal-ING medju *per capita* tal-Unjoni mkejjel skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera għandha tiġi aġġustata proporzjonalment mid-data li fiha tidħol fis-seħħ il-bidla fis-sħubija.

Il-perjodu ta' referenza għad-data li għandha tintuża għandu jkun l-istess bħal dak użat għall-Fond ta' Koeżjoni tal-Unjoni fis-seħħ fid-data tal-bidu tal-perjodu ta' kontribuzzjoni rispettiv, jew, jekk mhux disponibbli, l-aħħar perjodu ta' 3 snin li għalih hemm data disponibbli.

2. L-ammont tal-aġġustament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi ddeterminat mill-Partijiet Kontraenti.

PARTI II

IMPLIMENTAZZJONI U ĠESTJONI TAL-FONDI

ARTIKOLU 11

Valuri komuni

L-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera għandha tkun ibbażata fuq il-valuri komuni tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-dinjità tal-bniedem u l-ugwaljanza.

ARTIKOLU 12

Ġestjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera

1. L-Iżvizzera għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni ġenerali tal-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tagħha.

2. Il-kostijiet tal-ġestjoni tal-Iżvizzera għandhom ikunu koperti mill-ammont totali ta' kontribuzzjoni finanzjarja partikolari stabbilita fil-MtQ imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 4(2).

ARTIKOLU 13

Prinċipji għall-implimentazzjoni

1. Il-ftehimiet speċifiċi għall-pajjiż għandhom jiġu nnegożjati u implimentati fi spirtu ta' sħubija ugwali bejn l-Istati Sħab u l-Iżvizzera.
2. L-implimentazzjoni tal-miżuri ta' appoġġ miftiehma għandha tkun ir-responsabbiltà tal-Istati Sħab, li għandhom jipprevedu sistemi xierqa ta' ġestjoni u kontroll sabiex jiżguraw implimentazzjoni u ġestjoni tajbin.
3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, il-miżuri ta' appoġġ implimentati direttament mill-Iżvizzera għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Iżvizzera, li għandha tipprevedi sistemi xierqa ta' ġestjoni u kontroll sabiex tiżgura implimentazzjoni u ġestjoni tajbin.
4. L-implimentazzjoni tal-miżuri ta' appoġġ għandha tikkonforma mal-valuri komuni msemmija fl-Artikolu 11 u mal-prinċipji ta' governanza tajba u ġestjoni finanzjarja tajba, u għandha tiżgura t-trasparenza, in-nondiskriminazzjoni, l-effiċjenza u r-responsabbiltà.

Din għandha tkun ibbażata fuq l-impenn komuni tal-Iżvizzera u tal-Istati Sħab li jiġġieldu l-forom kollha ta' korruzzjoni fl-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera u jipprevedu miżuri u proċeduri effettivi biex jipprevjenu, jidentifikaw u jindirizzaw kwalunkwe att li jipperikola l-użu tajjeb tal-fondi, filwaqt li jqisu r-riskji identifikati.

5. Fil-każ ta' ksur ta' obbligu stabbilit fil-paragrafu 4 li jaffettwa jew li jirriskja li jaffettwa l-implimentazzjoni tajba ta' miżura ta' appoġġ speċifika, l-Iżvizzera tista', wara valutazzjoni u proċedura li tiggarantixxi d-dritt effettiv tal-Istat Sieħeb li jinstema', tiegħu miżuri xierqa, proporzjonati u effettivi rigward il-miżura ta' appoġġ speċifika kkonċernata.
6. L-Iżvizzera tista' twettaq kontrolli skont ir-rekwiżiti interni tagħha. L-Istati Sħab għandhom jipprovdu l-assistenza, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa għal dak il-għan.
7. Meta jwettqu l-awditi, l-awtoritajiet tal-awditjar Żvizzeri għandhom iqisu kif xieraq il-prinċipji ta' awditu uniku u proporzjonalità b'rabta mal-livell ta' riskju, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-awditi u tal-verifiki ta' ġestjoni tal-istess nefqa, bil-għan li jiġu mminimizzati l-kost tal-awditi u tal-verifiki ta' ġestjoni, u l-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji.

PARTI III

DISPOŻIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI

ARTIKOLU 14

Kumitat Konġunt

1. Kumitat Konġunt huwa b'dan stabbilit.

Il-Kumitat Konġunt għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun kopresedut minn rappreżentant tal-Unjoni u rappreżentant tal-Iżvizzera.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu:

- (a) jiżgura l-funzjonament tajjeb u l-amministrazzjoni u l-applikazzjoni effettivi ta' dan il-Ftehim;
- (b) jipprovdi forum għal konsultazzjoni reċiproka u skambju kontinwu ta' informazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti, b'mod partikolari bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni għal kwalunkwe diffikultà fl-interpretazzjoni jew fl-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim f'konformità mal-Artikolu 16;
- (c) jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Partijiet Kontraenti fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-Ftehim;
- (d) jadotta deċizzjonijiet fejn previst f'dan il-Ftehim; u
- (e) jeżerċita kwalunkwe kompetenza oħra mogħtija lilu f'dan il-Ftehim.

4. Il-Kumitat Konġunt għandu jaġixxi b'konsens. Id-deċizzjonijiet għandhom ikunu vinkolanti fuq il-Partijiet Kontraenti, li għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jimplimentawhom.

5. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena, b'mod alternat bejn Brussell u Bern, sakemm il-kopresidenti ma jiddeċidux mod ieħor. Huwa għandu jiltaqa' wkoll fuq talba ta' kwalunkwe Parti Kontraenti. Il-kopresidenti jistgħu jaqblu li laqgħa tal-Kumitat Konġunt issir permezz ta' vidjokonferenza jew telekonferenza.

6. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu fl-ewwel laqgħa tiegħu.
7. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jwaqqaf kwalunkwe grupp ta' ħidma jew grupp ta' esperti li jista' jassistih fil-qadi ta' dmirijietu.

ARTIKOLU 15

Prinċipju tal-esklussività

Il-Partijiet Kontraenti jimpenjaw ruħhom li ma jissottomettux tilwima rigward l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Ftehim għal kwalunkwe metodu ta' soluzzjoni minbarra dawk previsti f'dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 16

Proċedura f'każ ta' diffikultà fl-interpretazzjoni jew fl-applikazzjoni

1. F'każ ta' diffikultà fl-interpretazzjoni jew fl-applikazzjoni tal-Ftehim, il-Partijiet Kontraenti għandhom jikkonsultaw lil xulxin f'ħdan il-Kumitat Konġunt sabiex isibu soluzzjoni aċċettabbli b'mod reċiproku. Għal dan il-għan, l-elementi utli kollha ta' informazzjoni għandhom jiġu pprovvduti lill-Kumitat Konġunt sabiex ikun jista' jagħmel eżami dettaljat tas-sitwazzjoni. Il-Kumitat Konġunt għandu jeżamina l-possibbiltajiet kollha li jippermettu li jinżamm il-funzjonament xieraq tal-Ftehim.

2. Jekk il-Kumitat Konġunt ma jkunx jista' jsib soluzzjoni għad-diffikultà msemmija fil-paragrafu 1 fi żmien 3 xhur mid-data li fiha d-diffikultà tkun ġiet ippreżentata lilu, kwalunkwe waħda mill-Partijiet Kontraenti tista' titlob li tribunal tal-arbitraġġ isolvi t-tilwima f'konformità mar-regoli stabbiliti fil-Protokoll dwar it-tribunal tal-arbitraġġ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll").
3. Meta jkun qed isolvi tilwima bejn il-Partijiet Kontraenti skont dan il-Ftehim, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jkollu ġurisdizzjoni biex jinterpreta dan il-Ftehim. Meta jiġi biex jiddetermina l-konsistenza ta' miżura ma' dan il-Ftehim, it-tribunal tal-arbitraġġ jista' jikkunsidra, kif xieraq, il-liġi ta' kull Parti Kontraenti għajr dan il-Ftehim, bħala kwistjoni ta' fatt. Meta jagħmel dan, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jsegwi l-interpretazzjoni prevalenti mogħtija lil-liġi ta' kull Parti Kontraenti għajr dan il-Ftehim mill-qrati u mill-awtoritajiet tal-Parti Kontraenti rispettiva, kif ukoll, fejn applikabbli, minn korpi internazzjonali kompetenti għas-soluzzjoni tat-tilwim. Kwalunkwe tifsira mogħtija mit-tribunal tal-arbitraġġ lil-liġi ta' Parti Kontraenti għajr dan il-Ftehim ma għandhiex tkun vinkolanti fuq il-qrati jew l-awtoritajiet ta' dik il-Parti Kontraenti.
4. It-tribunal tal-arbitraġġ ma għandux ikollu ġurisdizzjoni f'tilwimiet relatati mal-implimentazzjoni tal-ftehimiet speċifiċi għall-pajjiż.
5. Kull Parti Kontraenti għandha tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tikkonforma *in bona fide* mad-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ.

Il-Parti Kontraenti li tkun instabet mit-tribunal tal-arbitraġġ li ma kkonformatx mal-Ftehim għandha tinforma lill-Parti Kontraenti l-oħra permezz tal-Kumitat Konġunt bil-miżuri li tkun ħadet biex tikkonforma mad-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ.

ARTIKOLU 17

Miżuri ta' kumpens

1. Jekk il-Parti Kontraenti li tkun instabet mit-tribunal tal-arbitraġġ li ma kkonformatx mal-Ftehim ma tinfurmax lill-Parti Kontraenti l-oħra, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit skont l-Artikolu IV.2 (6) tal-Protokoll, bil-miżuri li tkun ħadet biex tikkonforma mad-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ, jew jekk il-Parti Kontraenti l-oħra tqis li l-miżuri kkomunikati ma jikkonformawx mad-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ, din il-Parti Kontraenti l-oħra tista' tadotta miżuri kumpensatorji proporzjonati fil-qafas tal-Ftehim jew kwalunkwe ftehim li huwa parti mil-Lista ta' Ftehimiet definiti fil-punt (a) tal-Artikolu 3 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "miżuri ta' kumpens") sabiex tirrimedja żbilanċ potenzjali. Hija għandha tinnotifika lill-Parti Kontraenti li tkun instabet mit-tribunal tal-arbitraġġ li ma kkonformatx mal-Ftehim bil-miżuri ta' kumpens, li għandhom jiġu speċifikati fin-notifika. Dawk il-miżuri ta' kumpens għandhom jidħlu fis-seħħ 3 xhur mid-data ta' din in-notifika.
2. Jekk, fi żmien xahar mid-data tan-notifika tal-miżuri ta' kumpens maħsuba, il-Kumitat Konġunt ma jkunx ħa deċiżjoni li jissospendi, jemenda jew jannulla dawk il-miżuri ta' kumpens, kwalunkwe Parti Kontraenti tista' tissottometti għall-arbitraġġ il-kwistjoni tal-proporzjonalità ta' dawk il-miżuri ta' kumpens, f'konformità mal-Protokoll.
3. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jiddeċiedi fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu III.8(4) tal-Protokoll.
4. Il-miżuri ta' kumpens ma għandux ikollhom effett retroattiv. B'mod partikolari, id-drittijiet u l-obbligi diġà akkwistati minn individwi u operaturi ekonomiċi qabel ma jidħlu fis-seħħ il-miżuri ta' kumpens għandhom jiġu ppreservati.

PARTI IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

ARTIKOLU 18

L-ewwel kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera skont dan il-Ftehim
u impenn finanzjarju addizzjonali ta' darba

1. L-Iżvizzera timpenja ruħha li tipprovdi l-ewwel kontribuzzjoni finanzjarja tagħha skont dan il-Ftehim (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-ewwel kontribuzzjoni finanzjarja") mill-1 ta' Jannar 2030 sal-31 ta' Diċembru 2036 f'konformità mal-Anness II u impenn finanzjarju addizzjonali ta' darba li jkopri l-perjodu bejn l-aħħar tal-2024 u l-aħħar tal-2029 f'konformità mal-Anness III.
2. Sal-punt li l-elementi tal-ewwel kontribuzzjoni finanzjarja ma jkunux stabbiliti fl-Anness II, il-Partijiet Kontraenti għandhom jikkonkludu MtQ legalment mhux vinkolanti sabiex jissodisfaw l-impenn meħud fil-paragrafu 1 fi żmien 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Għal dan il-għan, il-Kumitat Konġunt għandu jibda diskussjonijiet malajr wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.
3. Sal-punt li l-elementi tal-kontribuzzjoni finanzjarja ta' darba ma jkunux stabbiliti fl-Anness III, il-Partijiet Kontraenti għandhom jikkonkludu MtQ legalment mhux vinkolanti sabiex jissodisfaw l-impenn meħud fil-paragrafu 1 fi żmien 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Għal dan il-għan, il-Kumitat Konġunt għandu jibda diskussjonijiet malajr wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

4. L-allokazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-ewwel kontribuzzjoni finanzjarja fil-qasam tal-koeżjoni u impenn finanzjarju addizzjonali ta' darba għandhom jiġu impenjati formalment lill-Istati Sħab mal-konklużjoni tal-ftehimiet rispettivi speċifiċi għall-pajjiż, mhux aktar tard minn 3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.
5. L-allokazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-ewwel kontribuzzjoni finanzjarja fil-qasam tal-migrazzjoni għandhom jiġu impenjati formalment lill-Istati Sħab mal-konklużjoni tal-ftehimiet rispettivi speċifiċi għall-pajjiż, mhux aktar tard minn 5 snin mill-bidu tal-perjodu ta' kontribuzzjoni.
6. Jekk il-MtQ imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 ma jiġux konklużi fil-perjodu ta' żmien imsemmi fihom, il-punt (c) tal-Artikolu 4(2) għandu japplika *mutatis mutandis*.
7. Jekk il-ftehimiet speċifiċi għall-pajjiż imsemmija fil-paragrafi 4 u 5 ma jiġux konklużi fil-perjodi ta' żmien imsemmija fihom, l-Artikolu 5(6) għandu japplika *mutatis mutandis*.

ARTIKOLU 19

Protokoll, Annessi u Appendiċi

Il-Protokoll, l-Annessi u l-Appendiċi ta' dan il-Ftehim għandhom jiffurmaw parti integrali minnu.

ARTIKOLU 20

Dħul fis-seħħ

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi rratifikat jew approvat mill-Partijiet Kontraenti f'konformità mal-proċeduri tagħhom stess. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri interni meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.
2. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara l-aħħar notifika rigward l-istrumenti li ġejjin:
 - (a) Il-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni;
 - (b) Il-Protokoll ta' Emenda għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni;
 - (c) Il-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport bl-ajru;
 - (d) Il-Protokoll ta' Emenda għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport bl-ajru;

- (e) Il-Protokoll dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport bl-ajru;
- (f) Il-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport ta' Merkanzija u Passiġġieri bil-Ferrovija u bit-Triq;
- (g) Il-Protokoll li Jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport ta' Merkanzija u Passiġġieri bil-Ferrovija u bit-Triq;
- (h) Il-Protokoll dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport ta' merkanzija u passiġġieri permezz tal-linji tal-ferrovija u tat-triq;
- (i) Il-Protokoll li Jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli;
- (j) Il-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-rikonoxximent reċiproku;
- (k) Il-Protokoll ta' Emenda għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-rikonoxximent reċiproku fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konformità;
- (l) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fi programmi tal-Unjoni;

- (m) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali.

ARTIKOLU 21

Terminazzjoni

Kull Parti Kontraenti tista' tittermina dan il-Ftehim billi tinnotifika lill-Parti Kontraenti l-oħra. Il-Ftehim għandu jieqaf japplika 6 xhur wara li tasal in-notifika.

Magħmul fi [...], nhar [...] f'żewġ kopji bil-lingwa Bulgara, Kroata, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Françiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Irlandiża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola u Żvediża, b'kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.

B'XHIEDA TA' DAN, is-sottoskritti, debitament awtorizzati għal dan il-għan, iffirmaw dan il-Ftehim.

[Blokka tal-Firem, bl-effett ta', bl-24 lingwa kollha tal-UE: "Għall-Unjoni Ewropea" u "Għall-Konfederazzjoni Żvizzera")

ELEMENTI GĦALL-
KONTRIBUZZJONI FINANZJARJA REGOLARI TAL-ISVIZZERA
IMSEMMI FIL-PUNT (a) TAL-ARTIKOLU 4(2)
GĦAL PERJODI TA' KONTRIBUZZJONI SUSSEGWENTI

1. L-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera għal perjodu ta' kontribuzzjoni partikolari huwa stabbilit abbażi tal-elementi li ġejjin:
 - (a) l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera għall-perjodu ta' kontribuzzjoni preċedenti aġġustat *pro rata temporis* għad-durata tal-perjodu ta' kontribuzzjoni partikolari, inkluż, fejn rilevanti, l-aġġustament f'konformità mal-Artikolu 10, aġġustat *pro rata temporis* għad-durata tal-perjodu ta' kontribuzzjoni partikolari;
 - (b) żieda jew tnaqqis fl-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-punt (a) f'konformità mal-metodu stabbilit fl-Appendiċi 1, abbażi tal-fatturi li ġejjin:
 - (i) l-inflazzjoni fl-Iżvizzera, kif imkejla mill-Indiċi Armonizzati tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "HICP", Harmonised Index of Consumer Prices) fl-Iżvizzera, u
 - (ii) fattur ta' aġġustament li jindirizza kwalunkwe diverġenza bejn l-inflazzjoni fl-Iżvizzera u l-inflazzjoni mġarrba fl-Istati Sħab sal-punt li ma tkunx ikkumpensata mill-iżvilupp tar-rata tal-kambju, biex tinżamm il-kapaċità tal-akkwist tal-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera;

(c) żieda jew tnaqqis fl-ammont stabbilit abbażi tal-punti (a) u (b) fid-dawl ta' kunsiderazzjonijiet politiċi. Tali żieda jew tnaqqis ma għandhomx imorru lil hinn minn 10 % tal-ammont stabbilit abbażi tal-punti (a) u (b).

2. Is-sehem tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera għal perjodu ta' kontribuzzjoni partikolari ddedikat għall-qasam tal-koeżjoni għandu jkun mill-inqas 90 % tal-ammont iddeterminat f'konformità mal-paragrafu 1.
3. Is-sehem tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera għal perjodu ta' kontribuzzjoni partikolari fil-qasam tal-koeżjoni assenjat għal ftehimiet speċifiċi għall-pajjiż għandu jkun mill-inqas 90 % tal-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera ddedikat għal dak il-qasam iddeterminat f'konformità mal-paragrafu 2.
4. L-ammont assenjat għal ftehimiet speċifiċi għall-pajjiż fil-qasam tal-koeżjoni għandu jiġi allokat lill-Istati Sħab f'konformità mal-koeffiċjent tal-allokazzjoni stabbilit fl-Appendiċi 2.

METODU
GĦAD-DETERMINAZZJONI TAL-AĠĠUSTAMENT
IMSEMMIJA FIL-POINT (b) TAL-PARAGRAPH 1 TAL-ANNESS I

Iż-żieda jew it-tnaqqis imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b) tal-Anness I għandhom jiġu kkalkolati f'konformità mal-metodu li ġej:

1. L-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-paragrafu 1(a) tal-Anness I għandu jiġi mmultiplikat bil-fattur ta' indiciġar imsemmi fil-punt (2) ta' dan l-Appendiċi;
2. Il-fattur ta' indiciġar għandu jkun il-prodott ta':
 - (a) l-inflazzjoni fl-Iżvizzera, kif imkejla mill-HICP fl-Iżvizzera, bejn l-aħħar sena, ikkalkolata bħala l-medja aritmetika tal-aħħar 12-il xahar disponibbli fid-data tal-kalkolu, u l-ewwel sena tal-perjodu ta' kontribuzzjoni preċedenti, ikkalkolata bħala l-medja aritmetika ta' 12-il xahar ta' dik is-sena kalendarja; u
 - (b) fattur ta' aġġustament, imkejjel bil-proporzjon tar-rata tal-kambju reali tal-grupp tal-Istati Sħab fil-qasam tal-koeżjoni fil-perjodu ta' kontribuzzjoni preċedenti vis-à-vis l-Iżvizzera bejn l-aħħar sena u l-ewwel sena tal-perjodu ta' kontribuzzjoni preċedenti, li jirrifletti l-apprezzament jew id-deprezzament reali esperjenzat minn dak il-grupp matul il-perjodu.

Għall-finijiet tal-kalkolu tal-fattur ta' indiċjar, japplika dan li ġej:

- (i) ir-rata tal-kambju reali tal-grupp ta' Stati Sħab fil-qasam tal-koeżjoni fil-perjodu ta' kontribuzzjoni preċedenti għandha tikkonsisti fir-rata tal-kambju nominali ta' daww l-Istati Sħab vis-à-vis il-frank Żvizzeru mmultiplikata bl-aggregat ibbażat fuq l-HICP ta' daww l-Istati Sħab u diviża bl-HICP Żvizzeru.

Apprezzament reali għal dak il-grupp ta' Stati Sħab għandu jinvolvi żieda fir-rata tal-kambju reali, u deprezzament reali għal dak il-grupp ta' Stati Sħab għandu jinvolvi tnaqqis fir-rata tal-kambju reali;

- (ii) l-aggregat ibbażat fuq l-HICP għal daww l-Istati Sħab għandu jinbena bħala l-medja aritmetika ta' 12-il xahar tal-indiċi tal-HICP għal dak il-grupp ta' Stati Sħab, bl-użu tal-metodoloġija tal-HICP kif previst fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzeri dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika, magħmul fil-Lussemburgu fis-26 ta' Ottubru 2004, iżda fejn il-piżijiet għandhom ikunu l-koeffiċjent tal-allokazzjoni stabbilit fl-Appendiċi 2;
- (iii) ir-rata tal-kambju nominali tal-Istati Sħab vis-à-vis il-frank Żvizzeru għandha tinbena bħala l-medja aritmetika ponderata tar-rati tal-kambju nominali ta' daww l-Istati Sħab vis-à-vis il-frank Żvizzeru, fejn il-piżijiet għandhom ikunu l-koeffiċjent tal-allokazzjoni stabbilit fl-Appendiċi 2. Ir-rati tal-kambju nominali użati fil-kalkolu għal sena partikolari għandhom ikunu l-medja ta' 12-il xahar tad-data ta' kull xahar għal dik is-sena derivata mir-rati tal-kambju ta' kuljum.

Il-Kummissjoni għandha tikkalkula l-fattur ta' aġġustament skont il-paragrafu 2(b) ta' dan l-Appendiċi. Il-Kummissjoni għandha tikkondividi l-kalkolu mal-Iżvizzera permezz tal-Komitat Konġunt xahar wara li tiksbu.

3. Jekk id-data ma tkunx disponibbli għal sena partikolari, id-data li għandha tintuża għal dik is-sena għandha tkun id-data mill-aħħar 12-il xahar disponibbli fid-data tal-kalkolu.
4. L-HICP u d-data dwar ir-rata tal-kambju użati għall-kalkolu tal-fattur ta' indiċjar għandhom jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Eurostat"), abbażi tal-istatistika ppubblikata mill-Eurostat, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika, magħmul fil-Lussemburgu fis-26 ta' Ottubru 2004. Fejn ikun meħtieġ, id-data dwar ir-rati tal-kambju għandha tinkiseb minn bażijiet tad-data pubbliċi mill-Bank Ċentrali Ewropew, mill-banek ċentrali tal-Istati Sħab, u/jew mill-Bank Nazzjonali Żvizzeru.

KOEFFIĊJENT TAL-ALLOKAZZJONI GĦAL
KONTRIBUZZJONI FINANZJARJA REGOLARI TAL-ISVIZZERA
FIL-QASAM TAL-KOEŻJONI

L-allokazzjoni ta' kull Stat Sieħeb tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera fil-qasam tal-koeżjoni għal perjodu ta' kontribuzzjoni partikolari għandha tikkorrispondi għal perċentwal tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera fil-qasam tal-koeżjoni miksuba bl-applikazzjoni tal-passi li ġejjin:

- (a) il-kalkolu tal-medja aritmetika tal-popolazzjoni tal-Istat Sieħeb u tal-ishma tal-erja tas-superfiċe tal-popolazzjoni totali u tal-erja tas-superfiċe tal-Istati Sħab kollha. Madankollu, jekk is-sehem ta' Stat Sieħeb mill-popolazzjoni totali jaqbeż is-sehem tiegħu tal-erja tas-superfiċe totali b'fattur ta' ħamsa jew aktar, li jirrifletti densità estremament għolja ta' popolazzjoni, huwa biss is-sehem tal-popolazzjoni totali li għandu jintuża għal dan il-pass;
- (b) it-tnaqqis jew iż-żieda taċ-ċifri perċentwali miksuba bħala riżultat tal-kalkolu f'konformità mal-punt (a) b'koeffiċjent li jirrappreżenta terz tal-perċentwal li bih l-ING *per capita* ta' dak l-Istat Sieħeb, imkejjel skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist, jaqbeż jew jaqa' taħt l-ING medju *per capita* tal-Istati Sħab kollha (medja espressa bħala 100 %); u
- (c) riklassifikazzjoni tal-ishma miksuba bħala riżultat tal-kalkolu f'konformità mal-punt (b) sabiex is-somma tagħhom tkun uguali għal 100 %.

Il-perjodu ta' referenza għad-data li għandha tintuża għandu jkun l-istess bħal dak li jintuża għall-Fond ta' Koeżjoni tal-Unjoni fis-seħħ fid-data tal-bidu tal-perjodu ta' kontribuzzjoni rispettiv, jew, jekk ma jkunx disponibbli, l-aħħar perjodu ta' 3 snin li għalih ikun hemm data disponibbli.

**L-EWWEL KONTRIBUZZJONI FINANZJARJA TAL-IŻVIZZERA
TAĦT DAN IL-FTEHIM GĦALL-PERJODU 2030 – 2036**

1. L-ewwel kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera skont dan il-Ftehim (minn hawn 'il quddiem imsejħa “l-ewwel kontribuzzjoni finanzjarja”) għall-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2030 sal-31 ta’ Diċembru 2036 (“perjodu ta’ kontribuzzjoni”) għandha tammonta għal CHF 350 000 000 għal kull sena ta’ dak il-perjodu.
2. Mill-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għal kull sena tal-perjodu ta’ kontribuzzjoni, CHF 308 000 000 għandhom jiġu allokati għall-kooperazzjoni fil-qasam tal-koeżjoni u CHF 42 000 000 għall-kooperazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni.
3. L-ewwel kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera għandha tikkontribwixxi għall-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 1 ta’ dan il-Ftehim.
4. L-ewwel kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera għandha tiġi implimentata fuq perjodu ta’ 10 snin (“perjodu ta’ implimentazzjoni”), li jibda fl-istess data bħall-perjodu ta’ kontribuzzjoni.
5. Is-sehem tal-kontribuzzjoni finanzjarja fil-qasam tal-koeżjoni assenjat għal ftehimiet speċifiċi għall-pajjiż għandu jkun mill-inqas 90 % tal-ammont allokati għal dak il-qasam.
6. Sa 5 % tal-ammonti rispettivi għall-kooperazzjoni fl-oqsma tal-koeżjoni u tal-migrazzjoni għandhom ikunu disponibbli għall-Iżvizzera biex ikopru l-kostijiet tal-ġestjoni, u sa 2 % għandhom ikunu disponibbli biex jiġi kondiviż l-għarfien espert Żvizzeru (il-Fond Żvizzeru għall-Għarfien Espert u s-Sħubija).

7. L-Istati Sħab għall-kooperazzjoni fil-qasam tal-koeżjoni għandhom ikunu l-Istati Membri tal-Unjoni li l-ING *per capita* tagħhom, imkejjel skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist, ikun inqas minn 90 % tal-ING medju *per capita* tal-Unjoni skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist għall-istess perjodu ta' referenza. Il-perjodu ta' referenza għad-data li għandha tintuża għandu jkun l-istess bħal dak użat biex tiġi ddeterminata l-eliġibbiltà tal-Istati Membri tal-Unjoni taħt il-Fond ta' Koeżjoni tal-Unjoni fis-seħħ fid-data tal-bidu tal-perjodu ta' kontribuzzjoni.
8. L-Istati Sħab potenzjali fil-qasam tal-migrazzjoni huma l-Istati Membri tal-Unjoni li qed jiffaċċjaw pressjoni partikolari tal-migrazzjoni u/jew fejn l-Iżvizzera u Stat Membru partikolari jaqblu fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza tal-migrazzjoni.
9. Fl-oqsma tal-kooperazzjoni tal-koeżjoni u l-migrazzjoni, il-Partijiet Kontraenti jistgħu jilħqu fehim reċiproku biex iwarrbu ammont speċifiku għal fond iddedikat għal suġġett speċifiku (koeżjoni) u għal fond ta' rispons rapidu (migrazzjoni). Jekk applikabbli, l-elementi għandhom jiġu stabbiliti fil-MtQ f'konformità mal-Artikolu 18(2) tal-Ftehim.
10. L-oqsma tematiċi għall-kooperazzjoni taħt l-ewwel kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera għandhom jibnu fuq il-kooperazzjoni b'suċċess taħt il-kontribuzzjoni Żvizzera preċedenti lil Stati Membri magħżula tal-Unjoni. Huma għandhom jikkomplementaw l-isforzi ta' ġestjoni tal-koeżjoni u tal-migrazzjoni tal-Unjoni fil-mument tal-bidu tal-perjodu ta' kontribuzzjoni.
11. F'konformità mal-Artikolu 18(2) tal-Ftehim, il-Partijiet Kontraenti għandhom jispeċifikaw fil-MtQ l-oqsma ta' prijetà fost l-oqsma tematiċi li ġejjin:

(a) il-Koeżjoni:

(i) l-iżvilupp uman u soċjali inklużiv;

- (ii) l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli u inklużiv;
 - (iii) it-tranżizzjoni ekoloġika; u
 - (iv) id-demokrazija u l-parteċipazzjoni.
- (b) il-migrazzjoni.
-

IMPENN FINANZJARJU ADDIZZJONALI TA' DARBA TAL-IŻVIZZERA
LI JKOPRI L-PERJODU BEJN
L-AĦĦAR TAL-2024 U L-AĦĦAR TAL-2029

1. F'konformità mal-Artikolu 18 ta' dan il-Ftehim, l-Iżvizzera timpenja ruħha li tipprovdi impenn finanzjarju addizzjonali ta' darba li jkopri l-perjodu bejn l-aħħar tal-2024 u l-aħħar tal-2029, li jirrifletti l-livell ta' sħubija u kooperazzjoni tal-Iżvizzera u tal-Unjoni f'dak il-perjodu. Dak l-impenn finanzjarju addizzjonali ta' darba għandu jammonta għal CHF 130 000 000 fis-sena sad-dħul fis-seħħ tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 20(2) ta' dan il-Ftehim, u għal CHF 350 000 000 fis-sena għall-perjodu bejn id-dħul fis-seħħ tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 20(2) ta' dan il-Ftehim u l-aħħar tal-2029. Għas-sena li fiha jidħlu fis-seħħ il-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 20(2) ta' dan il-Ftehim, l-ammont tal-impenn addizzjonali ta' darba għandu jiġi kkalkolat *pro rata temporis*.
2. L-impenn finanzjarju addizzjonali ta' darba tal-Iżvizzera għandu jiġi implimentat fuq perjodu ta' 10 snin ("perjodu ta' implimentazzjoni"), li jibda fl-istess data bħall-perjodu ta' kontribuzzjoni tal-ewwel kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera.
3. L-impenn finanzjarju addizzjonali ta' darba għandu jintuża għall-kooperazzjoni fil-qasam tal-koeżjoni.
4. Is-sehem tal-impenn finanzjarju ta' darba assenjat għal ftehimiet speċifiċi għall-pajjiż għandu jkun mill-inqas 90 % tal-ammont tal-impenn finanzjarju addizzjonali ta' darba tal-Iżvizzera.

5. Sa 5 % tal-ammont tal-impenn finanzjarju ta' darba għandu jkun disponibbli għall-Iżvizzera biex ikopri l-kostijiet tal-ġestjoni, u sa 2 % għandu jkun disponibbli biex jiġi kondiviż l-għarfien espert Żvizzeru (il-Fond Żvizzeru għall-Għarfien Espert u s-Sħubija).
6. L-Istati Sħab għall-kooperazzjoni għandhom ikunu l-Istati Membri tal-Unjoni li l-ING *per capita* tagħhom, imkejjel skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist, ikun inqas minn 90 % tal-ING medju *per capita* tal-Unjoni skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist għall-istess perjodu ta' referenza. Il-perjodu ta' referenza għad-data li għandha tintuża għandu jkun l-istess bħal dak użat biex tiġi ddeterminata l-eliġibbiltà tal-Istati Membri tal-Unjoni taħt il-Fond ta' Koeżjoni tal-Unjoni fis-seħħ fid-data tal-bidu tal-perjodu ta' implimentazzjoni tal-impenn finanzjarju addizzjonali ta' darba.
7. Il-Partijiet Kontraenti jistgħu jilħqu fehim reċiproku biex iwarrbu ammont speċifiku għal fond iddedikat għal suġġett speċifiku fil-qasam tal-koeżjoni. Jekk applikabbli, l-elementi għandhom jiġu stabbiliti fil-MtQ f'konformità mal-Artikolu 18(3) tal-Ftehim.
8. L-oġġettivi u r-regoli għall-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera stabbiliti fil-Ftehim għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-impenn finanzjarju addizzjonali ta' darba, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-Artikolu 18 ta' dan il-Ftehim u f'dan l-Anness.
9. L-oqsma tematiċi għall-kooperazzjoni taħt l-impenn finanzjarju addizzjonali ta' darba tal-Iżvizzera għandhom jibnu fuq il-kooperazzjoni b'suċċess taħt il-kontribuzzjoni Żvizzeri preċedenti lil Stati Membri magħżula tal-Unjoni. Huma għandhom jikkomplementaw l-isforzi ta' koeżjoni tal-Unjoni fil-mument tal-bidu tal-perjodu ta' implimentazzjoni tal-impenn finanzjarju addizzjonali ta' darba.

10. F'konformità mal-Artikolu 18(3) tal-Ftehim, il-Partijiet Kontraenti għandhom jispeċifikaw fil-MtQ l-oqsma ta' enfasi fost l-oqsma tematiċi li ġejjin:

- (i) l-iżvilupp uman u soċjali inklużiv;
 - (ii) l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli u inklużiv;
 - (iii) it-tranżizzjoni ekoloġika; u
 - (iv) d-demokrazija u l-parteċipazzjoni.
-

PROTOKOLL
DWAR IT-TRIBUNAL TAL-ARBITRAĠĠ:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET PRELIMINARI

ARTIKOLU I.1

Kamp ta' applikazzjoni

Jekk waħda mill-Partijiet Kontraenti (minn hawn 'il quddiem imsejħin “partijiet”) tissottometti tilwima għall-arbitraġġ f'konformità mal-Artikolu 16(2) jew 17(2) tal-Ftehim, għandhom japplikaw ir-regoli stabbiliti f'dan il-Protokoll.

ARTIKOLU I.2

Reġistru u servizzi segretarjali

Il-Bureau Internazzjonali tal-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ f'The Hague (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“Bureau Internazzjonali”) għandu jwettaq il-funzjonijiet tar-reġistru u jipprovdi s-servizzi segretarjali meħtieġa.

ARTIKOLU I.3

Avvizi u kalkolu tat-termini

1. L-avviżi, inklużi l-komunikazzjonijiet jew il-proposti, jistgħu jintbagħtu bi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni li jiċċertifika t-trażmissjoni tagħhom, jew li jippermettilhom li jiġu ċċertifikati.
2. Tali avviżi jistgħu jintbagħtu b'mod elettroniku biss jekk indirizz ikun ġie ddeżinjat jew awtorizzat minn parti speċifikament għal dan l-iskop.
3. Tali avviżi li jiġu nnotifikati lill-partijiet għandhom jintbagħtu, għall-Iżvizzera, lid-Diviżjoni tal-Ewropa tad-Dipartiment Federali tal-Affarijiet Barranin tal-Iżvizzera u, għall-Unjoni, lis-Servizz Legali tal-Kummissjoni.
4. Kwalunkwe terminu stipulat f'dan il-Protokoll għandu jibda mill-jum wara li jseħħ avveniment jew li tittieħed azzjoni. Jekk l-aħħar jum għall-konsenja ta' dokument jaħbat f'jum mhux tax-xogħol tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew tal-gvern tal-Iżvizzera, il-perjodu ta' żmien għall-konsenja tad-dokument għandu jintemm fl-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss. Il-jiem mhux tax-xogħol li jaqgħu fil-perjodu ta' żmien għandhom jingħaddu.

ARTIKOLU I.4

Avviż ta' arbitraġġ

1. Il-parti li tiegħu l-inizjattiva li tuża l-arbitraġġ (minn hawn 'il quddiem imsejħa "rikorrent") għandha tibgħat avviż ta' arbitraġġ lill-parti l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejħa "konvenut") u lill-Bureau Internazzjonali.
2. Il-proċedimenti ta' arbitraġġ għandhom jitqiesu li jibdew fil-jum ta' wara dak li fih il-konvenut jirċievi l-avviż ta' arbitraġġ.
3. L-avviż ta' arbitraġġ għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) it-talba li t-tilwima tiġi rinviata għall-arbitraġġ;
 - (b) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-partijiet;
 - (c) l-isem u l-indirizz tal-aġent(i) tar-rikorrent;
 - (d) il-bażi legali tal-proċedimenti (l-Artikolu 16(2) jew l-Artikolu 17(2) tal-Ftehim) u:
 - (i) fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 16(2) tal-Ftehim, il-kwistjoni li twassal biex it-tilwima tiddaħħal uffiċjalment, għal riżoluzzjoni, fl-aġenda tal-Kumitat Konġunt f'konformità mal-Artikolu 16(1) tal-Ftehim; u
 - (ii) fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 17(2) tal-Ftehim, id-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ, kwalunkwe miżura ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 16(5) tal-Ftehim u l-miżuri ta' kumpens ikkontestati;

- (e) id-deżinjazzjoni ta' kwalunkwe regola li tikkawża t-tilwima jew li hija relatata magħha;
- (f) deskrizzjoni qasira tat-tilwima; u
- (g) id-deżinjazzjoni ta' arbitru jew, jekk ikunu se jinħatru ħames arbitri, id-deżinjazzjoni ta' żewġ arbitri.

4. Kwalunkwe talba dwar is-suffiċjenza tal-avviż ta' arbitraġġ ma għandhiex tipprevjeni l-kostituzzjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ. It-tilwima għandha tiġi deċiża b'mod definittiv mit-tribunal tal-arbitraġġ.

ARTIKOLU I.5

Rispons għall-avviż ta' arbitraġġ

1. Fi żmien 60 jum minn meta jirċievi l-avviż ta' arbitraġġ, il-konvenut għandu jibgħat rispons għall-avviż ta' arbitraġġ lir-rikorrent u lill-Bureau Internazzjonali, li għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-partijiet;
- (b) l-isem u l-indirizz tal-aġent(i) tal-konvenut;
- (c) rispons għall-informazzjoni mogħtija fl-avviż ta' arbitraġġ f'konformità mal-punti (d) sa (f) tal-Artikolu I.4(3); u

(d) id-deżinjazzjoni ta' arbitru jew, jekk ikunu se jinħatru ħames arbitri, id-deżinjazzjoni ta' żewġ arbitri.

2. In-nuqqas ta' rispons, jew rispons mhux komplut jew tard, mill-konvenut għall-avviż ta' arbitraġġ ma għandux jipprevjeni l-kostituzzjoni ta' tribunal tal-arbitraġġ. It-tilwima għandha tiġi deċiża b'mod definittiv mit-tribunal tal-arbitraġġ.

3. Jekk il-konvenut jitlob li t-tribunal tal-arbitraġġ ikun magħmul minn ħames arbitri fir-rispons tiegħu għall-avviż ta' arbitraġġ, ir-rikorrent għandu jiddeżinja arbitru addizzjonali fi żmien 30 jum minn meta jirċievi r-rispons għall-avviż ta' arbitraġġ.

ARTIKOLU I.6

Rappreżentanza u assistenza

1. Il-partijiet għandhom ikunu rrappreżentati quddiem it-tribunal tal-arbitraġġ minn aġent wieħed jew aktar. L-aġenti jistgħu jiġu assistiti minn konsulenti jew avukati.

2. Kwalunkwe bidla fl-aġenti jew fl-indirizzi tagħhom għandha tiġi nnotifikata lill-parti l-oħra, lill-Bureau Internazzjonali u lit-tribunal tal-arbitraġġ. It-tribunal tal-arbitraġġ jista', fi kwalunkwe ħin, fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba ta' parti, jitlob provi tas-setgħat mogħtija lill-aġenti tal-partijiet.

KAPITOLU II

KOMPOŻIZZJONI TAT-TRIBUNAL TAL-ARBITRAĠĠ

ARTIKOLU II.1

Numru ta' arbitri

It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jkun magħmul minn tliet arbitri. Jekk ir-rikorrent fl-avviż ta' arbitraġġ tiegħu jew il-konvenut fir-rispons tiegħu għall-avviż ta' arbitraġġ jitlob hekk, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jkun magħmul minn ħames arbitri.

ARTIKOLU II.2

Ħatra tal-arbitri

1. Jekk ikunu se jinħatru tliet arbitri, kull waħda mill-partijiet għandha tiddeżinja wieħed minnhom. Iż-żewġ arbitri maħtura mill-partijiet għandhom jagħżlu t-tielet arbitru, li għandu jkun il-president tat-tribunal tal-arbitraġġ.
2. Jekk ikunu se jinħatru ħames arbitri, kull waħda mill-partijiet għandha tiddeżinja tnejn minnhom. L-erba' arbitri maħturin mill-partijiet għandhom jagħżlu l-ħames arbitru, li għandu jkun il-president tat-tribunal tal-arbitraġġ.

3. Jekk, fi żmien 30 jum mid-deżinjazzjoni tal-aħħar arbitru maħtur mill-partijiet, l-arbitri ma jkunux laħqu ftehim dwar l-għażla tal-president tat-tribunal tal-arbitraġġ, il-president għandu jinħatar mis-Segretarju Ġenerali tal-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ.

4. Biex tiġi meġġjuna l-għażla tal-arbitri li għandhom jiffurmaw it-tribunal tal-arbitraġġ, għandha tiġi stabbilita u aġġornata meta jkun meħtieġ lista indikattiva ta' persuni li għandhom il-kwalifiki msemmija fil-paragrafu 6, li għandha tkun komuni għall-ftehimiet bilaterali kollha fl-oqsma relatati mas-suq intern li fih tipparteċipa l-Iżvizzera kif ukoll il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-saħħa, magħmul fi [...] fid-data [...] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim dwar is-saħħa"), il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli, magħmul fil-Lussemburgu fil-21 ta' Ġunju 1999 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim dwar kummerċ fi prodotti agrikoli") u l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera lejn it-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fl-Unjoni Ewropea, magħmul fi [...] fid-data [...] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja regoli tal-Iżvizzera"). Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta u jaġġorna dik il-lista permezz ta' deċiżjoni għall-finijiet tal-Ftehim.

5. Meta parti tonqos milli tiddeżinja arbitru, is-Segretarju Ġenerali tal-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ għandu jaħtar dak l-arbitru mil-lista msemmija fil-paragrafu 4. Fin-nuqqas ta' lista bħal din, l-arbitru għandu jinħatar bil-polza mis-Segretarju Ġenerali tal-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ minn fost l-individwi li jkunu ġew proposti b'mod formali minn parti waħda jew miż-żewġ partijiet għall-finijiet tal-paragrafu 4.

6. Il-persuni li jikkostitwixxu t-tribunal tal-arbitraġġ għandhom ikunu persuni bi kwalifiki għoljin, b'rabtiet mal-partijiet jew mingħajrhom, li l-indipendenza u n-nuqqas ta' kunflitti ta' interess tagħhom ikunu garantiti, flimkien ma' firxa wiesgħa ta' esperjenza. B'mod partikolari, huma għandhom ikunu wrew għarfien espert fil-liġi u fil-kwistjonijiet koperti minn dan il-Ftehim; ma għandhom jieħdu struzzjonijiet mingħand ebda parti; u għandhom iservu fil-kapaċitajiet individwali tagħhom u ma jieħdu struzzjonijiet mingħand ebda organizzazzjoni jew gvern fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mat-tilwima. Il-president tat-tribunal tal-arbitraġġ għandu jkollu wkoll esperjenza fil-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim.

ARTIKOLU II.3

Dikjarazzjonijiet tal-arbitri

1. Meta persuna tkun qed tiġi kkunsidrata biex tinħatar bħala arbitru, dik il-persuna għandha tirrapporta ċ-ċirkostanzi kollha li x'aktarx iwasslu għal dubji leġittimi dwar l-imparzjalità jew l-indipendenza tagħha. Mill-ħatra u matul il-proċedimenti kollha ta' arbitraġġ, arbitru għandu jirrapporta tali ċirkostanzi lill-partijiet u lill-arbitri l-oħrajn mingħajr dewmien, jekk l-arbitru ma jkunx diġà għamel dan.
2. Kwalunkwe arbitru jista' jitneħħa jekk ikunu jeżistu ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal dubji leġittimi dwar l-imparzjalità jew l-indipendenza tiegħu.
3. Parti tista' titlob biss it-tneħħija ta' arbitru li tkun ħatret għal raġuni li ssir taf biha wara dik il-ħatra.
4. Jekk arbitru jonqos milli jaġixxi jew jekk ikun impossibbli *de jure* jew *de facto* li arbitru jaqdi r-rwol tiegħu, għandha tapplika l-proċedura għat-tneħħija tal-arbitri stabbilita fl-Artikolu II.4.

ARTIKOLU II.4

Tneħħija tal-arbitri

1. Kwalunkwe parti li tkun tixtieq tneħħi arbitru għandha tagħmel talba għat-tneħħija fi żmien 30 jum mid-data li fiha tiġi nnotifikata bil-ħatra ta' dak l-arbitru jew fi żmien 30 jum mid-data li fiha ssir taf biċ-ċirkostanzi msemija fl-Artikolu II.3.
2. It-talba għat-tneħħija għandha tintbagħat lill-parti l-oħra, lill-arbitru mneħħi, lill-arbitri l-oħrajn u lill-Bureau Internazzjonali. Hija għandha tistabbilixxi r-raġunijiet għat-talba għat-tneħħija.
3. Meta tkun saret talba għat-tneħħija, il-parti l-oħra tista' taċċetta t-talba għat-tneħħija. L-arbitru inkwistjoni jista' wkoll iwarra. L-aċċettazzjoni jew it-twarrib mill-kariga ma jimplikawx rikonoxximent tar-raġunijiet għat-talba għat-tneħħija.
4. Jekk, fi żmien 15-il jum mid-data tan-notifika tat-talba għat-tneħħija, il-parti l-oħra ma taċċettax it-talba għat-tneħħija jew l-arbitru inkwistjoni ma jwarrabx mill-kariga tiegħu, il-parti li titlob it-tneħħija tista' titlob lis-Segretarju Ġenerali tal-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ jieħu deċiżjoni dwar it-tneħħija.
5. Sakemm il-partijiet ma jaqblux mod ieħor, id-deċiżjoni msemija fil-paragrafu 4 għandha tindika r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni.

ARTIKOLU II.5

Sostituzzjoni ta' arbitru

1. Bla ħsara għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, jekk ikun meħtieġ li jiġi sostitwit arbitru matul il-proċedimenti ta' arbitraġġ, għandu jinħatar jew jintgħażel sostitut f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu II.2 applikabbli għall-ħatra jew għall-għażla tal-arbitru li għandu jiġi sostitwit. Dik il-proċedura għandha tapplika anke jekk parti waħda ma tkunx eżerċitat id-dritt tagħha li taħtar l-arbitru li għandu jiġi sostitwit jew li tipparteċipa fil-ħatra tiegħu.
2. Fil-każ ta' sostituzzjoni ta' arbitru, il-proċedura għandha terġa' tibda fl-istadju meta l-arbitru sostitwit ma jkunx baqa' jwettaq il-funzjonijiet tiegħu, sakemm it-tribunal tal-arbitraġġ ma jiddeċidix mod ieħor.

ARTIKOLU II.6

Esklużjoni tar-responsabbiltà

Ħlief f'każijiet ta' għemil ħażin intenzjonat jew negliġenza gravi, il-partijiet jirrinunzjaw, sal-massimu permess mil-liġi applikabbli, kwalunkwe azzjoni kontra l-arbitri għal kwalunkwe att jew ommissjoni relatati mal-arbitraġġ.

KAPITOLU III

PROĊEDIMENTI TA' ARBITRAĠĠ

ARTIKOLU III.1

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Id-data tal-istabbiliment tat-tribunal tal-arbitraġġ għandha tkun id-data li fiha l-aħħar arbitru jkun aċċetta l-ħatra tiegħu.
2. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jiżgura li l-partijiet jiġu ttrattati b'mod ugwali u li, fi stadju xieraq tal-proċedimenti, kull waħda minnhom ikollha biżżejjed possibbiltà biex tasserixxi d-drittijiet tagħha u tippreżenta l-każ tagħha. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jmexxi l-proċedimenti b'tali mod li jiġu evitati d-dewmien u l-infiq bla bżonn u li jiġi żgurat li t-tilwima bejn il-partijiet tissolva.
3. Wara li jinstemgħu l-partijiet, għandha tiġi organizzata seduta, sakemm it-tribunal tal-arbitraġġ ma jiddeċidix mod ieħor.
4. Meta parti tibgħat komunikazzjoni lit-tribunal tal-arbitraġġ, hija għandha tagħmel dan permezz tal-Bureau Internazzjonali u għandha tibgħat kopja lill-parti l-oħra fl-istess ħin. Il-Bureau Internazzjonali għandu jibgħat kopja ta' dik il-komunikazzjoni lil kull wieħed mill-arbitri.

ARTIKOLU III.2

Post tal-arbitraġġ

Il-post tal-arbitraġġ huwa The Hague. Jekk ċirkostanzi eċċezzjonali hekk jeħtieġu, it-tribunal tal-arbitraġġ jista' jiltaqa' fi kwalunkwe post ieħor li huwa jqis xieraq għad-deliberazzjonijiet tiegħu.

ARTIKOLU III.3

Lingwa

1. Il-lingwi tal-proċedimenti għandhom ikunu l-Franċiż u l-Ingliż.
2. It-tribunal tal-arbitraġġ jista' jordna li d-dokumenti kollha meħmuża mad-dikjarazzjoni tat-talba jew mar-risposta tal-intimat u d-dokumenti ulterjuri kollha prodotti matul il-proċedimenti, sottomessi bil-lingwa oriġinali tagħhom, ikunu akkumpanjati minn traduzzjoni f'waħda mil-lingwi tal-proċedimenti.

ARTIKOLU III.4

Dikjarazzjoni tat-talba

1. Ir-rikorrent għandu jibgħat id-dikjarazzjoni tat-talba tiegħu bil-miktub lill-konvenut u lit-tribunal tal-arbitraġġ permezz tal-Bureau Internazzjonali, fit-terminu stabbilit mit-tribunal tal-arbitraġġ. Ir-rikorrent jista' jiddeċiedi li jqis l-avviż ta' arbitraġġ tiegħu msemmi fl-Artikolu I.4 bħala dikjarazzjoni tat-talba, diment li jissodisfa wkoll il-kundizzjonijiet fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

2. Id-dikjarazzjoni tat-talba għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) l-informazzjoni stabbilita fil-punti (b) sa (f) tal-Artikolu I.4(3);
 - (b) dikjarazzjoni tal-fatti sottomessa b'appoġġ għat-talba; u
 - (c) l-argumenti legali mressqa b'appoġġ għat-talba.
3. Sa fejn ikun possibbli, id-dikjarazzjoni tat-talba għandha tkun akkumpanjata minn kwalunkwe dokument u prova oħra msemmija mir-rikorrent jew jenħtieġ li tirreferi għalihom.

ARTIKOLU III.5

Risposta tal-intimat

1. Il-konvenut għandu jibgħat ir-risposta tal-intimat bil-miktub lir-rikorrent u lit-tribunal tal-arbitraġġ permezz tal-Bureau Internazzjonali, fit-terminu stabbilit mit-tribunal tal-arbitraġġ. Il-konvenut jista' jiddeċiedi li jqis ir-rispons għall-avviż ta' arbitraġġ imsemmi fl-Artikolu I.5 bħala risposta tal-intimat, diment li r-rispons għall-avviż ta' arbitraġġ ikun jissodisfa wkoll il-kundizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.
2. Ir-risposta tal-intimat għandha tirrispondi għall-punti fid-dikjarazzjoni tat-talba indikati f'konformità mal-Artikolu III.4(2)(a) sa (c) ta' dan il-Protokoll. Sa fejn ikun possibbli, din għandha tkun akkumpanjata minn kwalunkwe dokument u prova oħra msemmija mill-konvenut jew jenħtieġ li tirreferi għalihom.

3. Fir-risposta tal-intimat, jew fi stadju aktar tard fil-proċedimenti ta' arbitraġġ jekk it-tribunal tal-arbitraġġ jiddeċiedi li dewmien ikun iġġustifikat miċ-ċirkostanzi, il-konvenut jista' jagħmel kontrotalba, diment li t-tribunal tal-arbitraġġ ikollu ġurisdizzjoni fir-rigward tagħha.
4. L-Artikolu III.4(2) u (3) għandu japplika għal kontrotalba.

ARTIKOLU III.6

Ġurisdizzjoni tal-arbitraġġ

1. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jiddeċiedi dwar jekk ikollux ġurisdizzjoni abbażi tal-Artikoli 16(2) jew 17(2) tal-Ftehim.
2. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 16(2) tal-Ftehim, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jkollu mandat biex jeżamina l-kwistjoni li twassal sabiex it-tilwima tiddaħħal uffiċjalment, għal riżoluzzjoni, fl-aġenda tal-Kumitat Konġunt f'konformità mal-Artikolu 16(1) tal-Ftehim.
3. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 17(2) tal-Ftehim, it-tribunal tal-arbitraġġ li jkun sema' l-kawża prinċipali għandu jkollu mandat sabiex jeżamina l-proporzjonalità tal-miżuri ta' kumpens ikkontestati, inkluż meta daww il-miżuri jkunu ttieħdu kompletament jew parzjalment fi kwalunkwe ftehim bilaterali ieħor li jkun parti mil-Lista ta' Ftehimiet definita fil-punt (a) tal-Artikolu 3 tal-Ftehim.

4. Oġġezzjoni preliminari ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ għandha ssir mhux aktar tard minn fir-risposta tal-intimat jew, fil-każ ta' kontrotalba, fit-tweġiba. Il-fatt li parti tkun ħatret arbitru jew tkun ħadet sehem fil-ħatra tiegħu ma għandux iċaħħadha mid-dritt li tagħmel tali oġġezzjoni preliminari. L-oġġezzjoni preliminari li t-tilwima tmur lil hinn mis-setgħat tat-tribunal tal-arbitraġġ għandha ssir hekk kif titqajjem il-kwistjoni li allegatament tmur lil hinn mis-setgħat tiegħu matul il-proċedimenti ta' arbitraġġ. Fi kwalunkwe każ, it-tribunal tal-arbitraġġ jista' jippermetti li ssir oġġezzjoni preliminari wara li jkun għadda t-terminu stabbilit jekk jemmen li d-dewmien kien għal raġuni valida.

5. It-tribunal tal-arbitraġġ jista' jiddeċiedi dwar l-oġġezzjoni preliminari msemmija fil-paragrafu 4 jew billi jittrattaha bħala mistoqsija preliminari jew fid-deċiżjoni dwar is-suġġett prinċipali tal-kawża.

ARTIKOLU III.7

Sottomissjonijiet oħrajn bil-miktub

Wara li jkun ikkonsulta mal-partijiet, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jiddeċiedi liema sottomissjonijiet oħrajn bil-miktub, minbarra d-dikjarazzjoni tat-talba u r-risposta tal-intimat, il-partijiet għandhom jew jistgħu jissottomettu u għandu jistabbilixxi t-terminu għas-sottomissjoni tagħhom.

ARTIKOLU III.8

Termini

1. It-termini stabbiliti mit-tribunal tal-arbitraġġ għall-komunikazzjoni tad-dokumenti bil-miktub, inklużi d-dikjarazzjoni tat-talba u r-risposta tal-intimat, ma għandhomx jaqbżu d-90 jum, sakemm il-partijiet ma jaqblux mod ieħor.
2. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jieħu d-deċizzjoni finali tiegħu fi żmien 12-il xahar mid-data tat-twaqqif tiegħu. F'ċirkostanzi eċċezzjonali ta' diffikultà partikolari, it-tribunal tal-arbitraġġ jista' jestendi dak il-perjodu b'sa 3 xhur addizzjonali.
3. It-termini stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jitnaqqsu bin-nofs:
 - (a) fuq talba tar-rikorrent jew tal-konvenut, jekk fi żmien 30 jum minn dik it-talba, u wara li jisma' lill-parti l-oħra, it-tribunal tal-arbitraġġ jiddeċiedi li l-kawża hija urġenti;
 - (b) fil-każijiet imsemmija fil-punt (c) tal-Artikoli 4(2) u 18(6) tal-Ftehim;
 - (c) fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 5(6) u fl-Artikolu 18(7) tal-Ftehim, fejn ma jkun ġie konkluż l-ebda ftehim speċifiku għall-pajjiż mill-Iżvizzera; jew
 - (d) jekk il-partijiet jaqblu hekk.

4. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 17(2) tal-Ftehim, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jieħu d-deċiżjoni finali tiegħu fi żmien 6 xhur mid-data li fiha l-miżuri ta' kumpens ikunu ġew innotifikati f'konformità mal-Artikolu 17(1) tal-Ftehim.

ARTIKOLU III.9

Miżuri *interim*

1. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 17(2) tal-Ftehim, kwalunkwe parti tista', fi kwalunkwe stadju tal-proċedura ta' arbitraġġ, tapplika għal miżuri *interim* li jikkonsistu fis-sospensjoni tal-miżuri ta' kumpens.
2. Applikazzjoni skont il-paragrafu 1 għandha tiddikjara s-suġġett tal-proċedimenti, iċ-ċirkostanzi li jwasslu għall-urġenza, kif ukoll il-motivi tal-fatti u tal-liġi li jistabbilixxu każ *prima facie* għall-miżuri *interim* li ssir applikazzjoni għalihom. Din għandha tinkludi l-provi u l-offerti ta' provi kollha li jkunu disponibbli sabiex jiġġustifikaw l-għoti tal-miżuri *interim*.
3. Il-parti li titlob il-miżuri *interim* għandha tibgħat l-applikazzjoni tagħha bil-miktub lill-parti l-oħra u lit-tribunal tal-arbitraġġ permezz tal-Bureau Internazzjonali. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jistabbilixxi terminu qasir li matulu dik il-parti l-oħra tkun tista' tissottometti osservazzjonijiet bil-miktub jew bil-fomm.

4. Fi żmien xahar mis-sottomissjoni tal-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jadotta deċiżjoni dwar is-sospensjoni tal-miżuri ta' kumpens ikkontestati jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) it-tribunal tal-arbitraġġ ikun *prima facie* sodisfatt bil-mertu tal-kawża sottomess mill-parti li titlob il-miżuri *interim* fl-applikazzjoni tagħha;
- (b) it-tribunal tal-arbitraġġ iqis li, sakemm tittieħed id-deċiżjoni finali tiegħu, il-parti li titlob il-miżuri *interim* iġġarrab dannu serju u irreparabbli jekk ma jiġux sospiżi l-miżuri ta' kumpens; u
- (c) id-dannu kkawżat lill-parti li titlob il-miżuri *interim* mill-applikazzjoni immedjata tal-miżuri ta' kumpens ikkontestati ikun jisboq l-interess fl-applikazzjoni immedjata u effettiva ta' dawk il-miżuri.

5. Deċiżjoni meħuda mit-tribunal tal-arbitraġġ f'konformità mal-paragrafu 4 għandu jkollha biss effett *interim* u għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ dwar is-suġġett prinċipali tal-kawża.

6. Sakemm id-deċiżjoni meħuda mit-tribunal tal-arbitraġġ f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu ma tistabbilix data aktar kmieni għat-tmiem tas-sospensjoni, is-sospensjoni għandha tiskadi meta tittieħed id-deċiżjoni finali skont l-Artikolu 17(2) tal-Ftehim.

7. Sabiex jiġi evitat kull dubju, għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, huwa mifhum li, meta t-tribunal tal-arbitraġġ jikkunsidra l-interessi rispettivi tal-parti li titlob il-miżuri *interim* u tal-parti l-oħra, huwa għandu jikkunsidra dawk tal-individwi u tal-operaturi ekonomiċi tal-partijiet, iżda dik il-kunsiderazzjoni ma għandhiex tammonta għall-għoti ta' xi *locus standi* lil tali individwi jew operaturi ekonomiċi quddiem it-tribunal tal-arbitraġġ.

ARTIKOLU III.10

Provi

1. Kull parti għandha tipprovdi provi tal-fatti li jiffurmaw ir-raġunijiet tat-talba tagħha jew tad-difiża tagħha.
2. Fuq talba ta' parti, jew fuq inizzjattiva tiegħu stess, it-tribunal tal-arbitraġġ jista' jfittex mingħand il-partijiet l-informazzjoni rilevanti li huwa jqis neċessarja u xierqa. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jistabbilixxi terminu li matulu l-partijiet ikunu jistgħu jwieġbu għat-talba tiegħu.
3. Fuq talba ta' parti, jew fuq inizzjattiva tiegħu stess, it-tribunal tal-arbitraġġ jista' jfittex minn kwalunkwe sors kwalunkwe informazzjoni li jqis xierqa. It-tribunal tal-arbitraġġ jista' jfittex ukoll l-opinjoni ta' esperti kif iqis xieraq u soġġett għal kwalunkwe termini u kundizzjonijiet miftiehma mill-partijiet, fejn applikabbli.
4. Kwalunkwe informazzjoni miksuba mit-tribunal tal-arbitraġġ skont dan l-Artikolu għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-partijiet, u l-partijiet jistgħu jissottomettu kummenti dwar dik l-informazzjoni lit-tribunal tal-arbitraġġ.

5. Wara li jkun talab il-fehmiet tal-parti l-oħra, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jadotta miżuri xierqa sabiex jindirizza kwalunkwe kwistjoni mqajma minn parti fir-rigward tal-protezzjoni ta' data personali, tas-segretezza professjonali u tal-interessi leġittimi tal-kunfidenzjalità.
6. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jkun dak li jiġġudika l-ammissibbiltà, ir-rilevanza u s-saħħa tal-provi sottomessi.

ARTIKOLU III.11

Seduti

1. Meta jkun hemm bżonn li ssir seduta, it-tribunal tal-arbitraġġ, wara li jkun ikkonsulta mal-partijiet, għandu jinnotifika lill-partijiet minn kmieni biżżejjed dwar id-data, il-ħin u l-post tas-seduta.
2. Is-seduta għandha tkun pubblika, sakemm it-tribunal tal-arbitraġġ, fuq inizzjattiva proprja jew fuq rikors mill-partijiet, ma jiddeċidix mod ieħor għal raġunijiet serji.
3. Il-minuti ta' kull seduta għandhom jitfasslu u jiġu ffirmati mill-president tat-tribunal tal-arbitraġġ. Dawk il-minuti biss għandhom ikunu awtentiċi.
4. It-tribunal tal-arbitraġġ jista' jiddeċiedi li jorganizza s-seduta b'mod virtwali f'konformità mal-prattika tal-Bureau Internazzjonali. Il-partijiet għandhom jiġu infurmati b'din il-prattika fil-ħin. F'każijiet bħal dawn, għandhom japplikaw il-paragrafu 1, *mutatis mutandis*, u l-paragrafu 3.

ARTIKOLU III.12

Nuqqas ta' dehra

1. Jekk, fit-terminu stabbilit minn dan il-Protokoll jew mit-tribunal tal-arbitraġġ, mingħajr ma juri raġuni suffiċjenti, ir-rikorrent ma jkunx issottometta d-dikjarazzjoni tat-talba tiegħu, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jordna l-għeluq tal-proċedimenti ta' arbitraġġ, sakemm ma jkunx hemm kwistjonijiet pendenti li dwarhom jista' jkun meħtieġ li tittieħed deċiżjoni u jekk it-tribunal tal-arbitraġġ iqis li jkun xieraq li jsir hekk.

Jekk, fil-limitu ta' żmien stabbilit minn dan il-Protokoll jew mit-tribunal tal-arbitraġġ, mingħajr ma juri raġuni suffiċjenti, il-konvenut ma jkunx issottometta t-tweġiba tiegħu għall-avviż ta' arbitraġġ jew ir-risposta tal-intimat tiegħu, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jordna t-tkomplija tal-proċedimenti, mingħajr ma jqis li n-nuqqas ta' dehra minnu stess jikkostitwixxi aċċettazzjoni tal-allegazzjonijiet tar-rikorrent.

It-tieni subparagrafu japplika wkoll meta r-rikorrent jonqos milli jissottometti tweġiba għal kontrotalba.

2. Jekk parti, debitament imlaqqa' f'konformità mal-Artikolu III.11(1), ma tidhirx f'seduta u ma turix raġuni suffiċjenti għan-nuqqas tagħha li tagħmel dan, it-tribunal tal-arbitraġġ jista' jkompli bl-arbitraġġ.

3. Jekk parti, debitament mistiedna mit-tribunal tal-arbitraġġ biex tippreżenta aktar provi, tonqos milli tagħmel dan fit-termini stabbiliti mingħajr ma turi raġuni suffiċjenti għan-nuqqas tagħha li tagħmel dan, it-tribunal tal-arbitraġġ jista' jiddeċiedi abbażi tal-provi li jkollu disponibbli.

ARTIKOLU III.13

Għeluq tal-proċedura

1. Meta jintwera li l-partijiet kellhom b'mod raġonevoli l-possibbiltà li jippreżentaw l-argumenti tagħhom, it-tribunal tal-arbitraġġ jista' jiddikjara l-għeluq tal-proċedimenti.
2. Jekk iqs li dan ikun neċessarju minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali, it-tribunal tal-arbitraġġ jista' jiddeċiedi, fuq inizzjattiva tiegħu stess jew fuq talba ta' parti, li jerġa' jiftaħ il-proċedimenti fi kwalunkwe ħin qabel ma jkun ħa d-deċiżjoni tiegħu.

KAPITOLU IV

DEĊIŻJONI

ARTIKOLU IV.1

Deċiżjonijiet

It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jagħmel ħiltu biex jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'konsens. Madankollu, jekk jirriżulta impossibbli li tittieħed deċiżjoni b'konsens, id-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ għandha tittieħed minn maġġoranza tal-arbitri.

ARTIKOLU IV.2

Forma u effett tad-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ

1. It-tribunal tal-arbitraġġ jista' jieħu deċiżjonijiet separati dwar kwistjonijiet differenti fi żminijiet differenti.
2. Id-deċiżjonijiet kollha għandhom jinħarġu bil-miktub u għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet li fuqhom huma bbażati. Dawn għandhom ikunu finali u vinkolanti fuq il-partijiet.
3. Id-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ għandha tiġi ffirmata mill-arbitri, għandu jkun fiha data li fiha tkun ittieħdet u għandha tiddikjara l-post tal-arbitraġġ. Kopja tad-deċiżjoni ffirmata mill-arbitri għandha tiġi kkomunikata lill-partijiet mill-Bureau Internazzjonali.
4. Il-Bureau Internazzjonali għandu jaġġmel id-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ pubblika.

Meta jaġġmel id-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ pubblika, il-Bureau Internazzjonali għandu jirrispetta r-regoli rilevanti dwar il-protezzjoni ta' data personali, is-segretezza professjonali u l-interessi leġittimi tal-kunfidenzjalità.

Ir-regoli msemmijin fit-tieni subparagrafu għandhom ikunu identiċi għall-ftehimiet bilaterali kollha fl-oqsma tas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera, kif ukoll għall-Ftehim dwar is-saħħa, il-Ftehim dwar kummerċ fi prodotti agrikoli u l-Ftehim dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta u jaġġorna dawk ir-regoli permezz ta' deċiżjoni għall-finijiet tal-Ftehim.

5. Il-partijiet għandhom jikkonformaw mad-deċiżjonijiet kollha tat-tribunal tal-arbitraġġ mingħajr dewmien.

6. Fil-każijiet imsemmijin fl-Artikolu 16(2) tal-Ftehim, wara li jkun kiseb l-opinjoni tal-partijiet, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jistabbilixxi limitu ta' żmien raġonevoli fid-deċiżjoni dwar is-suġġett prinċipali tal-kawża biex jikkonforma mad-deċiżjoni tiegħu f'konformità mal-Artikolu 16(5) tal-Ftehim, filwaqt li jqis il-proċeduri interni tal-partijiet.

ARTIKOLU IV.3

Dritt applikabbli, regoli ta' interpretazzjoni, medjatur

1. Id-dritt applikabbli jikkonsisti fil-Ftehim, kif ukoll ir-regoli u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali applikabbli bejn il-partijiet dwar l-interpretazzjoni tat-trattati.
2. Id-deċiżjonijiet preċedenti meħuda minn korp għas-soluzzjoni tat-tilwim fir-rigward tal-proporzjonalità tal-miżuri ta' kumpens skont ftehim bilaterali ieħor fost dawk imsemmija fl-Artikolu 17(1) tal-Ftehim għandhom ikunu vinkolanti fuq it-tribunal tal-arbitraġġ.
3. It-tribunal tal-arbitraġġ ma għandux jitħalla jiddeċiedi bħala medjatur jew *ex aequo et bono*.

ARTIKOLU IV.4

Soluzzjoni maqbula b'mod reċiproku jew raġunijiet oħrajn għall-għeluq tal-proċedimenti

1. Il-partijiet jistgħu, fi kwalunkwe ħin, jaqblu b'mod reċiproku dwar soluzzjoni għat-tilwima tagħhom. Huma għandhom jikkomunikaw b'mod konġunt kwalunkwe soluzzjoni bħal din lit-tribunal tal-arbitraġġ. Jekk is-soluzzjoni tirrikjedi l-approvazzjoni skont il-proċeduri domestiċi rilevanti ta' kwalunkwe parti, in-notifika għandha tirriferi għal dak ir-reqwizit, u l-proċedura tal-arbitraġġ għandha tiġi sospiża. Jekk tali approvazzjoni ma tkunx meħtieġa, jew man-notifika tat-tlestija ta' kwalunkwe proċedura domestika bħal din, il-proċedura tal-arbitraġġ għandha tingħalaq.
2. Jekk, matul il-proċedimenti, ir-rikorrent jinforma lit-tribunal tal-arbitraġġ bil-miktub li ma jkunx jixtieq ikompli bil-proċedimenti, u jekk, fid-data li fiha t-tribunal tal-arbitraġġ jirċievi dik il-komunikazzjoni, il-konvenut ikun għadu ma ħa l-ebda pass fil-proċedimenti, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jgħoddi digriet li jirreġistra uffiċjalment l-għeluq tal-proċedimenti. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jiddeċiedi dwar il-kostijiet li għandhom jiġihallu mir-rikorrent, jekk dan ikun jidher għustifikat mill-imġiba ta' dik il-parti.
3. Jekk, qabel ma tittieħed id-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ, it-tribunal tal-arbitraġġ jikkonkludi li t-tkomplija tal-proċedimenti tilfet l-iskop tagħha jew saret impossibbli għal kwalunkwe raġun għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jinforma lill-partijiet bl-intenzjoni tiegħu li jgħoddi digriet li jagħlaq il-proċedimenti.

L-ewwel subparagrafu ma japplikax meta jkun hemm kwistjonijiet pendenti li dwarhom jista' jkun meħtieġ li tittieħed deċiżjoni u jekk it-tribunal tal-arbitraġġ jiġġudika li jkun xieraq li jsir hekk.

4. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jikkomunika lill-partijiet kopja tad-digriet li jagħlaq il-proċedimenti ta' arbitraġġ jew tad-deċiżjoni meħuda bi qbil bejn il-partijiet, iffirmata mill-arbitri. L-Artikolu IV.2(2) sa (5) għandu japplika għad-deċiżjonijiet ta' arbitraġġ meħuda bi ftehim bejn il-partijiet.

ARTIKOLU IV.5

Korrezzjoni tad-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ

1. Fi żmien 30 jum minn meta tirċievi d-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ, parti tista', billi tinnotifika lill-parti l-oħra u lit-tribunal tal-arbitraġġ permezz tal-Bureau Internazzjonali, titlob lit-tribunal tal-arbitraġġ jikkoreġi fit-test tad-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ kwalunkwe żball fil-komputazzjoni, kwalunkwe żball klerikali jew tipografiku, jew kwalunkwe żball jew ommissjoni ta' natura simili. Jekk iqis li t-talba tkun ġustifikata, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jagħmel il-korrezzjoni fi żmien 45 jum minn meta jirċievi t-talba. It-talba ma għandux ikollha effett sospensiv fuq it-terminu previst fl-Artikolu IV.2(6).
2. Fi żmien 30 jum mill-komunikazzjoni tad-deċiżjoni tiegħu, it-tribunal tal-arbitraġġ jista' jagħmel il-korrezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 fuq inizzjattiva tiegħu stess.
3. Il-korrezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom isiru bil-miktub u jiffurmaw parti integrali mid-deċiżjoni. Għandu japplika l-Artikolu IV.2(2) sa (5).

ARTIKOLU IV.6

Tariffi tal-arbitri

1. It-tariffi msemija fl-Artikolu IV.7 għandhom ikunu raġonevoli, filwaqt li jitqiesu l-komplessità tal-każ, iż-żmien li jqattgħu fuqu l-arbitri u ċ-ċirkostanzi rilevanti l-oħrajn kollha.
2. Għandha tiġi stabbilita u aġġornata, meta jkun meħtieġ, lista ta' kumpens ta' kuljum u tassigħat massimi u minimi, li għandha tkun komuni għall-ftehimiet bilaterali kollha fl-oqsma relatati mas-suq intern li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera, kif ukoll għall-Ftehim dwar is-saħħa, għall-Ftehim dwar kummerċ fi prodotti agrikoli u għall-Ftehim dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta u jaġġorna dik il-lista permezz ta' deċiżjoni għall-finijiet tal-Ftehim.

ARTIKOLU IV.7

Kostijiet

1. Kull parti għandha tħallas il-kostijiet tagħha stess u nofs il-kostijiet tat-tribunal tal-arbitraġġ.
2. It-tribunal tal-arbitraġġ għandu jistabbilixxi l-kostijiet tiegħu fid-deċiżjoni tiegħu dwar is-suġġett prinċipali tal-kawża. Dawk il-kostijiet għandhom jinkludu biss:
 - (a) it-tariffi tal-arbitri, li għandhom jiġu ddikjarati separatament għal kull arbitru u li għandhom jiġu stabbiliti mit-tribunal tal-arbitraġġ innifsu f'konformità mal-Artikolu IV.6;

(b) l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u spejjeż oħrajn li jġarrbu l-arbitri; u

(c) it-tariffi u l-ispejjeż tal-Bureau Internazzjonali.

3. Il-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom ikunu raġonevoli, filwaqt li jitqiesu l-ammont inkwistjoni, il-kumplessità tat-tilwima, iż-żmien li l-arbitri u kwalunkwe espert maħtur mit-tribunal tal-arbitraġġ ikunu qattgħu fuqha u kwalunkwe ċirkostanza rilevanti oħra.

ARTIKOLU IV.8

Depożitu tal-kostijiet

1. Fil-bidu tal-arbitraġġ, il-Bureau Internazzjonali jista' jitlob lill-partijiet jiddepożitaw ammont ugwali bħala pagament antiċipat għall-kostijiet imsemmija fl-Artikolu IV.7(2).

2. Matul il-proċedimenti ta' arbitraġġ, il-Bureau Internazzjonali jista' jitlob mingħand il-partijiet depożiti supplimentari għal dawk imsemmija fil-paragrafu 1.

3. L-ammonti kollha ddepożitati mill-partijiet fl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jitħallsu lill-Bureau Internazzjonali u jitħallsu minnu biex ikopru l-kostijiet effettivament imġarrba, inklużi, b'mod partikolari, it-tariffi mħallsin lill-arbitri u lill-Bureau Internazzjonali.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

ARTIKOLU V.1

Emendi

Il-Kumitat Konġunt jista' jadotta emendi għal dan il-Protokoll permezz ta' deċiżjoni.